MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI)
# KUMPILAZZJONIJIET - NORMALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIZZI ANTONIO LL.D.**

Seduta tas-7 ta' Jannar, 2003

Numru 413/2002

Il-Pulizija
(Sp Louise Vella)
vs
George Pace, iben Anthony, imwieled Santa Venera fit-12 ta'
diċembru, 1957

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat –
1. talli fis-7 ta' april, 2000 fil-Miżieb, wara l-5.30 p.m., mingħajr ordni skond il-liġi tal-awtorita' kompetenti u barra mill-każijiet fejn il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil Michelle Vella u dan sabiex bħala mara tiġi mġiegħla tagħmel jew toqgħod għal xi ħaġa li toffendi l-mistħija tas-sess tagħha;

2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, ikkometta attentat vjolenti għall-pudur, fuq il-persuna ta’ Michelle Vella ta’ tmintax il-sena.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tal-10 ta’ awissu, 2000 fejn iddikjara li wara li ra
l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat u billi jidhirlu li tista’ tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub –
fl-artikoli 207, 86, 87 u 20 tal-Kodiċi Kriminali
bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta’ din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanza oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta’ settembru, 2000 fejn l-imputat ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi nkluża x-xhieda ta’ l-imputat bil-ġurament.

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta’ jannar, 2003 fejn l-imputat ammetta t-tieni akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-avukat ta’ l-imputat u lill-prosekuzzjoni.

Ikkunsidrat,

Illi fit-22 ta’ april, 2000 Michelle Vella nfurmat il-pulizija li hi ma riditx li jittieħdu passi kriminali kontra l-imputat.

Illi mill-provi prodotti ma jirrizulatx li l-imputat issekwestra lil Michelle Vella.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-ewwel akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn tali akkuża. Issibu ħati tat-tieni akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikolu 207 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal piena ta’ sitt xhur priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li s-sentenza ma għandhiex tibda sseħħ ħlief jekk, matul il-perjodu ta’ sena mil-lum, l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija.